**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

Kawza Numru: 43/2016JB

Numru: 15

**Xmun Projects Limited (C53141)**

***vs***

**Kunsill Lokali Kercem**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-30 ta' Novembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, hames mija u erbgha u hamsin euro u tmienja u disghin centezmu (€1,554.98) liema somma tirraprezenta imghaxijiet fuq pagamenti tardivi in konnessjoni ma' kuntratt ta' appalt. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali fl-istess ismijiet.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 (a fol 5);

Ra li l-kunsill lokali Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 5ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar il-15 ta' Dicembru 2016, ipprezenta risposta (a fol 9) fejn fiha eccepixxa dan li gej:

1. Preliminarjament, il-kunsill lokali konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-pagamenti kienu jsiru mill-Agenzija tal-Pagamenti u mill-*Managing Authority* fi hdan il-*Funds and Programmes Division*;
2. Illi l-kunsill lokali mghandux jigi kkundannat ihallas l-imghaxijiet mitluba stante li d-dewmien ma hux imputabbli lill-istess kunsill imma lill-Agenzija tal-Pagamenti u/jew lill-*Managing Authority* fi hdan il-*Funds and Programmes Division*;
3. Illi l-pagamenti kienu gew accettati minghajr rizerva ghall-imghaxijiet;

4. Illi ma hu dovut l-ebda imghax fuq l-ahhar pagament ta' €5,607.98 stante li l-kontijiet inhargu wara l-iskadenza tat-terminu li fih is-Socjeta Attrici kellha tipprezenta l-kontijiet bil-konsegwenza li l-pagament ma setax isir mill-Agenzija tal-Pagamenti u/jew mill-*Managing Authority* fi hdan il-*Funds and Programmes Division*;
5. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-rikors tal-Kunsill Lokali Konvenut prezentat nhar it-30 ta' Dicembru 2016 fejn dan talab il-kjamata fil-kawza tas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima kif ukoll tal-Avukat Generali;

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2017 fejn it-Tribunal cahad it-talba;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda imghaxijiet ghall-hlas tardiv ta' pagamenti fuq kuntratt ta' appalt ghal xogholijiet fil-lokalita ta' Kercem. Skond il-kuntratt (a fol 37), u senjatament klawsola 43.3 tal-Kundizzjonijiet Specjali, il-pagamenti kellhom isiru entro sittin jum u fin-nuqqas japplikaw id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Pagamenti Tardivi.

Illi minn dokumenti prodotti mis-Socjeta Attrici jidher li diversi pagamenti bil-procedura tkun li jinhareg certifikat tal-perit tal-kunsill konvenut, imbaghad tinhareg fattura mis-Socjeta Attrici; wara sittin jum jibdew jiddekorru imghaxijiet sad-data tal-hlas. Mill-assjem tal-provi jidher li meta l-partijiet waslu ghall-ahhar pagament, kien hemm xi dewmien sabiex tinhareg il-fattura. Is-Socjeta Attrici tghid li dan id-dewmien kien dovut minhabba kwistjonijiet relatati mac-certifikazzjoni.

Ikkunsidra;

Illi sabiex tigi rizolta din il-vertenza, jehtieg li qabel xejn jigu trattati d-diversi eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni hija sorvolata stante d-digriet suriferit u ghalhekk dan it-Tribunal se jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mat-tieni eccezzjoni, it-Tribunal iqis li l-kuntratt in kwistjoni jorbot lill-partijiet u mhux lil terzi u kull argument intiz li jiskolpa lill-kunsill lokali konvenut ghandu mill-fieragh. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, qieghed jinghad li l-pagamenti gew accettati minghajr riserva ghall-imghax.

Bir-rispett kollu, it-Tribunal ma jaqbilx ghaliex il-kuntratt *de quo* jaghmilha cara li fin-nuqqas ta' pagament tempestiv ghandhom jiddekorru l-imghaxijiet. Ma jidhirx li l-pagamenti kienu accettati ghas-saldu u lanqas li dan kien il-kaz, il-jedd tal-imghax li jrid jigi kalkolat sad-data tal-effettiv pagament ma jidhirx li jkun lez. Ghalhekk, anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mar-raba' u l-hames eccezzjonijiet, it-Tribunal iqis li l-burokrazija tal-pagamenti mghandhomx jittiehdu bhala skuzanti ghall-kunsill lokali qua kommittent tal-appalt. Hu car li l-Konvenut qieghed jittenta jxejjen il-pretensjonijiet attrici b'hafna skuzanti li huma, xi ftit imgebbdin. Fuq kollox, irid jinghad li l-hsieb tal-ligi wara l-ligi dwar l-imghax ghall-pagamenti tardivi (liema ligi giet implimentata fil-Kodici tal-Kummerc taghna) hija intiza proprju biex tiffacilita l-kummerc u biex tagevola l-likwidita. Dan it-Tribunal iqis li ghandu javvalla l-pozizzjoni tal-kuntrattur Attur stante li l-kuntratt hu car daqs il-kristall, il-ligi hi cara wkoll u mill-assjem tal-provi ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar il-komputazzjoni tal-imghaxijiet, salv dak li nghad dwar l-eccezzjonijiet precedenti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,554.98. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*